PDF Compressor Pro





Il-Chorus Urbanus waqt il-Kuncert tal-Milied fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. (Ritratt ta' Joe Attard ta' Ġużeppi ta' Konċetta mir-Rabat, Għawdex)

# Kunċert mill-*Chorus Urbanus*

Lejn tmiem is-sena li għaddiet, il-*Chorus Urbanus* ippreżenta Kunċert fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. Din kienet it-tnax-il edizzjoni ta' dan il-kunċert li issa daħal sew fil-kalendarju kulturali ta' dawn iż-żminijiet festivi.

Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor kien akkumpanjat mill-*Island Brass Ensemble*, iffurmat minn uħud mill-aqwa mużiċisti lokali. Il-kunċert ta' din is-sena ħa dehra xi ftit differenti mill-edizzjonijiet passati peress li l-arranġament mużikali għall-kor u għall-istrumenti tar-ram ta dimensjoni aktar kontemporanja tal-għanjiet popolari tal-Milied. Kien proġett li rnexxa u li ġie apprezzat ħafna mill-udjenza numeruża li ħonqot il-bażilika.

Il-programm fetaħ bi *Christmas Fanfare* mill-*Island Brass Ensemble* li interpretaw ukoll *Coventry Carol* u *The First Nowell*. Mro. Mark Gauci fuq l-Althorn ta interpretazzjoni eċċellenti ta' *Neath the Dublin Skies* akkumpanjat mill-ensemble. Il-kantanta magħrufa Pamela Bezzina, eks membru tal-*Chorus Urbanus* interpretat *Have Yourself a Merry Little Christmas.*

Min-naħa tiegħu, il-Chorus Urbanus, akkumpanjat mill-*Island Brass Ensemble*, ippreżenta numru ta' *carols* tradizzjonali u popolari li kienu jinkludu *Christmas Lullaby, Joy to the World, Zither Carol, O Holy Night* u *Away in a Manger.* Noel Galea (baxx) flimkien mal-kor interpretaw *Adeste Fideles* filwaqt li l-kor ppreżenta verżjoni *a cappella* tal-għanja *While Shepherds Watched.*

Però, interpretazzjoni eċċellenti u sentimentali tal-għanja tradizzjonali Maltija *Ninni La Tibkix Iżjed* uriet is-sbuħija ta' din l-għanja li tfakkrek fis-sempliċità tat-tfal ikantaw waqt il-purċissjoni tal-Milied. Għal din l-għanja, il-kor kien akkumpanjat biss mill-arpa li ndaqqet tant tajjeb minn Jacob Portelli.

Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor interpreta l-għanja *Gloria de Noel* wara introduzzjoni qasira dwarha mill-President tal-Kor, il-Perit Edward Scerri. Bħala għeluq għal dan il-kunċert, il-Chorus Urbanus ippreżenta *Ukranian Bell Carol*, għanja tant popolari mal-udjenza li ta' kull sena tattendi għal dan il-kunċert.

Il-Kav. Joe M. Attard, li kien *compere* matul il-kunċert, qara poeżija dwar il-Milied filwaqt li saret ġabra b'risq il-Fondazzjoni Arka.

Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor u l-ensemble kienu taħt id-direzzjoni ta' Dr. John Galea, surmast direttur tal-kor.

Fost dawk li attendew għal dan il-kunċert kien hemm Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta u s-Sinjura Gonzi, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari, Chris Said, is-Sindku tar-Rabat, Dr Samuel Azzopardi, Mons Pawl Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, membri tal-Kapitlu Ġorġjan kif ukoll numru sabiħ ta' mistednin distinti. Wara l-kunċert sar riċeviment għall-mistednin preżenti.



Il-magħruf kittieb, kritiku u storiku Għawdxi Joe Camilleri jidher jispjega dettal ta' pittura minn dawk li hemm esebiti

# Wirja ta' Pittura

Bħalissa fil-gallarija art..e li tinsab fi triq il-Librerija ġewwa r-Rabat ta' Għawdex, qiegħda tintwera ġabra ta' pittura tal-artist Taljan Mario Caffaro Rore (1910-2001). Dan il-pittur Taljan hu magħruf f'Malta minħabba li pitter il-koppla tal-Katidral tal-Mdina.

Caffaro Rore kien ikkommissjonat ukoll u pitter diversi kwadri għall-knejjes ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, San Pietru fl-Mdina u fis-Santwarju ta' Pinu f'Għawdex. Minbarra hekk, hemm diversi pitturi ta' Caffaro Rore f'kollezzjonijiet privati fil-gżejjer tagħna.

Mario Caffaro Rore jibqa' wkoll magħruf għall-kurċifissi tiegħu u infatti waħda mill-kwadri fil-wirja hija ta' kurċifiss impitter fuq l-injam. Kwadru ieħor hu abbozz ta' 'pala d'altare' li llum jinsab fl-Abbazzija ta' Sassuolo fl-Italia.

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



Is-Slaten Maġi telgħin mit-Triq tal-Mġarr, fi triqthom lejn il-presepju ħaj

# Suha Arafat f'Għajnsielem

Betleħem f'Għajnsielem laħaq il-qofol tiegħu nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar bil-miġja tas-Slaten Maġi. Il-Maġi waslu fuq luzzu fil-Port ta' l-Mġarr għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar u telqu fuq iż-żwiemel għal presepju ħaj ġewwa Ta' Passi fejn żaru l-għar ta' Ġesù Bambin.

Fl-istess ġurnata, żaret ukoll il-presepju Suha Arafat, il-mara tal-eks President Palestinjan Yasser Arafat.

Tul iż-żjara tagħha f'Għajnsielem is-Sindku Frans Cauchi flimkien mal-kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem u l-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada dawruha mal-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Madonna ta' Loretu, r-Radju Lauretana, fejn ġiet intervistata mid-direttur tar-Radio, Lelio Spiteri, u l-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

Suha Arafat kienet Għawdex għal żjara fuq stedina tal-Avukat Joe Mifsud. Kien hemm preżenti ukoll iċ-Ċermen tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra tar-Rappreżentanti l-Avukat Michael Frendo.



Lelio Spiteri, direttur ta' Radju Lauretana jintervista lil Suha Arafat. Jidhru wkoll l-Arċipriet Bajada, l-Avukat Mifsud u fuq il-lemin, parti mgħotti, is-Sindku Cauchi


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***